

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Pippo Pizzo

Konvenut: CRGT Srl

Fil-preżenza ta': Autorità Portuale di Messina, Messina Sud Srl, Francesco Todaro, Myleco Sas,

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza operatur ekonomiku juża l-kapaċitajiet ta' waħda jew iktar entitajiet terzi bil-għan li jissodisfa r-rekwiżiti minimi għall-parteċipazzjoni fi proċedura ta' sejħa għal offerti li dan l-operatur jissodisfa biss parzjalment.
- 2) Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku bħala riżultat tan-nuqqas ta' osservanza, minn naħa tiegħu, ta' obbligu li ma jirriżultax espressament fid-dokumenti relatati ma' din il-proċedura jew mil-liġi nazzjonali fis-seħħ, iżda minn interpretazzjoni ta' din il-liġi u ta' dawn id-dokumenti kif ukoll mill-mili ta' lakuni, minn naħa tal-awtoritajiet jew qrati amministrattivi nazzjonali, li jinsabu f'dawn id-dokumenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-fatt li operatur ekonomiku jingħata l-possibbiltà li jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu u li jissodisfa l-imsemmi obbligu f'perijodu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kontraenti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 138, 27.04.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Ġunju 2016 – Photo USA Electronic Graphic, Inc. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, Ancap SpA, Cerame-Unie AISBL, Confindustria Ceramica, Verband der Keramischen Industrie eV**

(Kawża C-31/15 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Dumping — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 412/2013 — Importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw miċ-Ċina — Dazju antidumping definittiv)

(2016/C 287/11)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Photo USA Electronic Graphic, Inc. (rappreżentant: K. Adamantopoulos, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn B. Driessen u S. Boelaert, sussegwentement minn H. Marcos Fraile, aġenti, assistiti minn B. O'Connor, solicitor, u minn S. Gubel, avukat), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland u M. França, aġenti), Ancap SpA, Cerame-Unie AISBL, Confindustria Ceramica, Verband der Keramischen Industrie eV (rappreżentanti: R. Bierwagen, avukat)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Photo USA Electronic Graphic Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, 16.03.2015.